Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**14217/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0347(COD)**

**ENV 1087**
**ENER 549**
**IND 437**
**TRANS 673**
**ENT 151**
**SAN 579**
**AGRI 594**
**CODEC 1659**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 27 ta' Ottubru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 542 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 542 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 542 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2022
COM(2022) 542 final

2022/0347 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa**

**(riformulazzjoni)**

{SEC(2022) 542 final} - {SWD(2022) 345 final} - {SWD(2022) 542 final} - {SWD(2022) 545 final}

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-arja nadifa hija essenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għas-sostenn tal-ambjent. Matul dawn l-aħħar tliet deċennji sar titjib kbir fil-kwalità tal-arja fl-Unjoni Ewropea (UE), bis-saħħa ta’ sforzi konġunti mill-UE u mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri sabiex jitnaqqsu l-impatti negattivi tat-tniġġis tal-arja. Madankollu, madwar 300 000 mewta prematura fis-sena (meta mqabbla ma’ mhux aktar minn miljun fis-sena fil-bidu tas-snin disgħin) u numru sinifikanti ta’ mard mhux komunikabbli bħall-ażma, il-problemi kardjovaskulari u l-kanċer tal-pulmun, għadhom attribwiti għat-tniġġis tal-arja (u speċjalment għall-materja partikolata, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ożonu);. It-tniġġis tal-arja għadu l-kawża ambjentali ewlenija ta’ mwiet bikrija fl-UE. Dan jaffettwa b’mod sproporzjonat gruppi vulnerabbli bħat-tfal, l-anzjani u l-persuni b’kundizzjonijiet preeżistenti, kif ukoll gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati. Hemm ukoll evidenza dejjem akbar li t-tniġġis tal-arja jista’ jkun assoċjat ma’ bidliet fis-sistema nervuża, bħad-dimenzja.

Barra minn hekk, it-tniġġis tal-arja jhedded l-ambjent permezz tal-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni, u l-ħsara lill-ożonu, u jikkawża ħsara lill-foresti, lill-ekosistemi u lill-għelejjel. L-ewtrofikazzjoni mid-depożizzjoni tan-nitroġenu taqbeż it-tagħbijiet kritiċi f’żewġ terzi taż-żoni tal-ekosistema madwar l-UE, b’impatt sinifikanti fuq il-bijodiversità. Din il-pressjoni tat-tniġġis tista’ taggrava s-sitwazzjonijiet ta’ eċċess ta’ nitroġenu permezz tat-tniġġis tal-ilma.

F’Novembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat il-Kontroll tal-Idoneità tagħha tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE). Hija kkonkludiet li d-Direttivi kienu *parzjalment* effettivi fit-titjib tal-kwalità tal-arja u fl-issodisfar tal-istandards tal-kwalità tal-arja, iżda li sal-lum ma ntlaħqux l-objettivi kollha tagħhom.

F’Diċembru 2019, fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha li tkompli ttejjeb il-kwalità tal-arja u li tallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Ir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO ġew riveduti l-aktar reċentement f’Settembru 2021 u huma soġġetti għal rieżami xjentifiku perjodiku, tipikament kull 10 snin. Dan l-objettiv ta’ allinjament aktar mill-qrib mal-aħħar sejbiet xjentifiċi ġie kkonfermat fil-pjan ta’ azzjoni ta’ tniġġis żero, li jinvolvi viżjoni għall-2050 sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja (u tal-ilma u tal-ħamrija) għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta’ ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali, u li jirrispettaw il-konfini li l-pjaneta tagħna tista’ tlaħħaq magħhom, u b’hekk joħolqu ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi. Barra minn hekk, ġew introdotti miri għall-2030, li tnejn minnhom jirrigwardaw l-ajru: sabiex jitnaqqsu l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa (imwiet prematuri) b’aktar minn 55 %, u s-sehem tal-ekosistemi tal-UE fejn it-tniġġis tal-arja jhedded il-bijodiversità b’25 %. Standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi tal-Pjan tal-Ewropa sabiex Jingħeleb il-Kanċer. Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ħabbret ukoll li se ssaħħaħ il-monitoraġġ, l-immudellar u l-ippjanar tal-kwalità tal-arja.

L-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, li bdiet fi Frar 2022, wasslet lill-mexxejja tal-UE jaqblu dwar il-ħtieġa li titħaffef b’mod urġenti t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni tal-enerġija nadifa, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-gass u fjuwils fossili oħrajn importati mir-Russja. Fit-18 ta’ Mejju 2022 ġie adottat pakkett ambizzjuż ta’ miżuri RePowerEU, bil-għan, fost l-oħrajn, li jgħin lill-Istati Membri jħaffu l-użu tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Jekk jiġi implimentat malajr kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-

Kummissjoni, dan il-pakkett jista' jkollu kobenefiċċji sinifikanti minn perspettiva tat-tniġġis tal-arja.

Id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent huma parti minn qafas komprensiv ta' politika dwar l-arja nadifa mibni fuq tliet pilastri ewlenin. L-ewwel wieħed jikkonsisti mid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent infushom, li jistabbilixxu standards ta' kwalità għal-livelli ta' konċentrazzjoni ta' 12-il sustanza li tniġġes l-arja ambjentali. It-tieni huwa d-Direttiva dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (id-Direttiva NEC), li tistabbilixxi impenji għal kull Stat Membru sabiex inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi ewlenin li jniġġsu l-arja ambjentali u l-prekursuri tagħhom, filwaqt li jagixxu fi ħdan l-UE sabiex jiksbu tnaqqis konġunt fit-tniġġis transkonfinali. Ma' dan jiżdiedu l-isforzi internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Arja tal-UNECE, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet transkonfinali minn barra l-UE. It-tielet pilastru jikkonsisti minn leġiżlazzjoni li tistabbilixxi standards ta' emissjonijiet għal sorsi ewlenin tat-tniġġis tal-arja, bħall-vetturi tat-trasport bit-triq, l-installazzjonijiet tat-tisħin domestiku u l-installazzjonijiet industrijali.

L-ammont ta' tniġġis minn tali sorsi huwa affettwat ukoll minn politiki oħrajn li jinfluwenzaw attivitajiet u setturi ewlenin f'oqsma bħat-trasport, l-industrija, l-enerġija u l-klima, u l-agrikoltura. Numru minn dawn il-politiki huma parti minn inizjattivi reċenti li ttieħdu fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, bħall-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" b'inizjattivi dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, l-istrateġija dwar il-metan, l-istrateġija għal mobilità sostenibbli u intelliġenti, il-qafas il-ġdid relatat tal-mobilità urbana għall-2021, l-istrateġija għall-bijodiversità u l-inizjattiva mill-għalqa sal-platt. Barra minn hekk, huwa mistenni li jirriżulta tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa mill-karozzi, mill-vannijiet, mit-trakkijiet u mill-karozzi tal-linja mill-adozzjoni u mill-implimentazzjoni tal-proposta li ġejja dwar l-Euro 7 (ara PLAN/2020/6308).

Ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent se tamalgama d-Direttivi f'waħda, u tfittex li:

- tallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO
- tkompli ttejjeb il-qafas leġiżlattiv (eż. fir-rigward tal-penali, u l-informazzjoni pubblika)
- tappoġġa aħjar lill-awtoritajiet lokali fil-kisba ta' arja aktar nadifa permezz tat-tisħiħ tal-monitoraġġ, l-immudellar u l-pjanijiet tal-kwalità tal-arja.

Il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-benefiċċji tar-reviżjoni proposta għas-soċjetà jegħlbu bil-bosta l-kostijiet. Il-benefiċċji ewlenin mistennija huma relatati mas-saħħa (inklużi t-tnaqqis fil-mortalità u l-morbidità, it-tnaqqis fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa, it-tnaqqis fl-assenza mix-xogħol minħabba mard u ż-żieda fil-produttività fuq il-post tax-xogħol) u l-ambjent (inkluż it-tnaqqis fit-telf tar-rendiment tal-għelejjel relatat mal-ożonu).

### 1.1. Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Din l-inizjattiva hija parti mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-2022 u azzjoni ewlenija fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero. Bħall-inizjattivi kollha fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, dan għandu l-għan li jiżgura li l-objettivi jintlaħqu bl-aktar mod effettiv u bl-anqas piż u li jikkonformaw mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Il-proposta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-ambizzjoni ta' tniġġis żero u l-miri tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero għall-kwalità tal-arja għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

Ħafna politiki u prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew huma ta' rilevanza għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-proposta, u jistgħu jibbenefikaw miż-żieda fl-ambizzjoni skont id-Direttiva proposta. Dawn jinkludu:

- Il-Liġi dwar il-Klima u l-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" bl-ambizzjoni klimatika akbar tagħhom se jrawmu l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi jew żero b'kobenefiċċji għall-kwalità tal-arja (bħal sorsi ta' enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, miżuri għall-effiċjenza enerġetika, mobbiltà elettrika). Il-proposti dwar ambizzjoni akbar jinkludu ambizzjoni akbar tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), ambizzjoni akbar tar-Regolament tal-UE dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, u standards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ aktar stretti għall-karozzi u għall-vannijiet li jirrikjedu li l-karozzi u l-vannijiet irreġistrati ġodda kollha jkunu b'emissjonijiet żero mill-2035. Standards aktar stretti dwar il-kwalità tal-arja skont din il-proposta se jġibu kobenefiċċji għall-klima fil-forma ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-$CO_2$, mill-ħruq tal-fjuwils fossili, u t-tnaqqis tal-karbonju iswed (BC), sustanza inkwinanti ta' ħajja qasira (SLCF).
- RePowerEU jipproponi azzjonijiet sabiex titnaqqas b'mod rapidu d-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili Russi, inkluż tnaqqis ġenerali tal-konsum tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tal-enerġija, is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-industrija, il-bini u t-trasport u l-investimenti intelliġenti. It-tħaffif ta' dawn l-azzjonijiet jista' jkun ta' benefiċċju wkoll għall-kwalità tal-arja.
- Żieda fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli li ma jaqbdux se tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għalhekk l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, u b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-arja. L-inizjattivi li jippromwovu s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jinkludu l-proposta tal-2021 għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED II), li tressaq miri aktar ambizzjużi għall-2030, kif ukoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2022 dwar RePowerEU bl-enfasi tagħha fuq l-investimenti inizjali sostanzjali fl-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija solari u r-riħ, u fil-pompi tas-sħana, li kollha huma ta' benefiċċju wkoll għall-kwalità tal-arja.
- Ambizzjoni akbar dwar l-effiċjenza enerġetika u l-introduzzjoni ta' mira vinkolanti tal-UE għall-effiċjenza enerġetika permezz tal-proposta dwar Direttiva riveduta dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija se jnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija b'mod ġenerali, inkluż tal-fjuwils fossili u b'hekk inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, filwaqt li se jtejbu l-kwalità tal-arja.
- L-azzjoni fl-ambitu tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u l-qafas l-ġdid relatat tal-2021 dwar il-mobilità urbana li jappoġġa l-bidla lejn trasport b'emissjonijiet aktar baxxi u dak pubbliku se jġibu kobenefiċċji pożittivi għall-kwalità tal-arja. Xi azzjonijiet b'rilevanza partikolari għall-kwalità tal-arja jinkludu standards aktar stretti dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja għall-vetturi b'magna tal-kombustjoni (fil-proposta li ġejja tal-**Euro 7**); il-proposta għal regolament **dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**: huwa meħtieġ network komprensiv ta' infrastruttura għall-irriċarġjar u għar-riforniment ta' fjuwil sabiex jiġi ffaċilitat l-użu akbar ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluża l-mobbiltà elettronika, li ġġib magħha kobenefiċċji importanti tal-kwalità tal-arja.; il-proposti għal **ReFuelEU Aviation** u **FuelEU Maritime** jinkludu miżuri li jippromwovu fjuwils aktar nodfa, b'potenzjal li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, u sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja qrib il-portijiet u l-ajruporti billi jkun meħtieġ l-użu ta' provvista tal-enerġija fuq l-art jew ta'

energija b'emissjonijiet żero rmiġġati għal tipi speċifiċi ta' vapuri u fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli fl-inġenji tal-ajru. Min-naħa l-oħra, id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent iwasslu għal azzjoni akbar fiż-żoni urbani sabiex wieħed jimxi lejn mobbiltà b'emissjonijiet aktar baxxi, l-introduzzjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi, żieda fl-użu tat-trasport pubbliku u mobbiltà attiva sabiex jintlaħqu l-valuri ta' limitu.

- L-ekoloġizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni u l-Istrateġija "mill-Għalqa sal-Platt" jistgħu jgħinu sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura, pereżempju permezz tal-promozzjoni ta' miżuri għat-tnaqqis tal-ammonijaka permezz ta' Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jew it-titjib tal-ġestjoni tan-nutrijenti.
- Standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti skont din il-proposta se jgħinu sabiex tiġi protetta d-diversità f'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità, filwaqt li politiki li jtejbu s-saħħa tal-ekosistema, bħal-Liġi proposta dwar ir-Restawr tan-Natura, jistgħu jagħtu riżultati wkoll fir-rigward tal-aspetti ta' arja nadifa.

## 1.2. Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika sabiex l-UE taġixxi fuq il-kwalità tal-arja tinsab fl-Artikoli 191 u 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dwar l-ambjent. Dawn l-Artikoli jagħtu s-setgħa lill-UE sabiex taġixxi ħalli tippreserva, tipproteġi, u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent, tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u tippromwovi miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu indirizzati problemi ambjentali reġjonali jew madwar id-dinja. L-istess bażi ġuridika tirfed id-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent. Minħabba li dan huwa qasam ta' kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri, l-azzjoni tal-UE trid tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

## 1.3. Sussidjarjetà u proporzjonalità

L-objettivi ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. Dan huwa dovut, l-ewwel nett, għan-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-arja: l-immudellar atmosferiku u l-kejl tat-tniġġis tal-arja juru bla dubju li t-tniġġis li jiġi emess fi Stat Membru wieħed jikkontribwixxi għat-tniġġis imkejjel fi Stati Membri oħrajn. Ladarba s-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu emessi jew ifformati fl-atmosfera, dawn jistgħu jiġu ttrasportati fuq eluf ta' kilometri. L-iskala tal-kwistjoni inkwistjoni tirrikjedi azzjoni madwar l-UE sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jieħdu miżuri ħalli jnaqqsu r-riskji għall-popolazzjoni f'kull Stat Membru.

It-tieni, it-TFUE jirrikjedi politiki li jimmiraw lejn livell għoli ta' protezzjoni, filwaqt li titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet madwar l-UE. Id-Direttivi eżistenti stabbilew standards minimi tal-kwalità tal-arja madwar l-UE iżda jħallu l-għażla tal-miżuri f'idejn l-Istati Membri, sabiex ikunu jistgħu jaġġustaw dawn il-miżuri għal ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali speċifiċi. Dan il-prinċipju jinżamm fid-Direttiva proposta, li tamalgama ż-żewġ Direttivi eżistenti dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent f'waħda.

It-tielet, il-ġustizzja u l-ugwaljanza jridu jiġu żgurati fir-rigward tal-implikazzjonijiet ekonomiċi tal-miżuri għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-arja fl-ambjent esperjenzati mill-persuni madwar l-UE.

## 1.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li

- tamalgama żewġ Direttivi, tikkonsolida u tissimplifika d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi eżistenti f'waħda;
- tħalli d-dettalji tal-implimentazzjoni f'idejn l-Istati Membri li jafu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali u għalhekk jistgħu jagħżlu aħjar l-aktar miżuri kosteffettivi sabiex jissodisfaw l-istandards tal-kwalità tal-arja;
- tagħti benefiċċji sostanzjali għas-saħħa u għall-ekonomija li huma mistennija li jegħlbu b'mod ċar il-kostijiet tal-miżuri li għandhom jittieħdu;
- tirrikjedi valutazzjoni aktar preċiża tal-kwalità tal-arja permezz ta' rekwiżit speċifiku ta' monitoraġġ u ta' mmudellar, li jista' jkun mistenni jrawwem miżuri aktar immirati u kosteffettivi sabiex ikun hemm konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja.

### 1.5. L-għażla tal-istrumenti

L-istrument propost jibqa' Direttiva, kif kien qabel. Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa, peress li l-proposta hija li jitkomplew jiġu stabbiliti objettivi fil-livell tal-UE iżda li l-għażla tal-miżuri għall-konformità titħalla f'idejn l-Istati Membri, li jistgħu jaġġustaw dawn il-miżuri għal ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali u lokali differenti, jiġifieri billi jitqiesu id-diversità u l-ispeċifiċità tas-sitwazzjonijiet madwar l-UE. Il-kontinwità fl-għażla tal-istrument tiffaċilita wkoll l-amalgamazzjoni u s-simplifikazzjoni taż-żewġ Direttivi eżistenti fi strument wieħed.

## 2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### 2.1. Evalwazzjoni/kontroll tal-idoneità u opinjonijiet relatati tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB)

Il-Kontroll tal-Idoneità rigward id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent sab li dawn iggwidaw l-istabbiliment ta' monitoraġġ rappreżentattiv ta' kwalità għolja tal-kwalità tal-arja, stabbilew standards ċari tal-kwalità tal-arja, u ffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni affidabbli, oġġettiva u komparabbli dwar il-kwalità tal-arja, inkluża informazzjoni għal pubbliku usa'. Dawn kienu anqas ta' suċċess fl-iżgurar li ttieħdet azzjoni suffiċjenti sabiex jiġu ssodisfati l-istandards tal-kwalità tal-arja u sabiex id-durata tal-eċċessi jinżamm qasir kemm jista' jkun. Madankollu, l-evidenza disponibbli indikat li d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent kienu kkontribwew għal xejra 'l isfel fit-tniġġis tal-arja u naqqsu n-numru u d-daqs tal-eċċessi. Il-konklużjoni, fid-dawl ta' dan it-twettiq parzjali, kienet li d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent kienu ġeneralment adattati għall-iskop tagħhom – filwaqt li fl-istess ħin indikat lok għal titjib fil-qafas eżistenti sabiex tinkiseb kwalità tajba tal-arja madwar l-UE. Mill-Kontroll tal-Idoneità ħareġ li gwida addizzjonali, jew rekwiżiti aktar ċari fid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent infushom, jistgħu jgħinu sabiex il-monitoraġġ, l-immudellar u d-dispożizzjonijiet għall-pjanijiet u l-miżuri jsiru aktar effettivi u effiċjenti.

Instab li l-istandards tal-kwalità tal-arja kienu strumentali sabiex il-konċentrazzjonijiet jonqsu u jitnaqqsu l-livelli ta' eċċess. Madankollu, l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE ma humiex allinjati bis-sħiħ ma' rakkomandazzjonijiet tas-saħħa stabbiliti sew, u kien hemm u għad hemm dewmien sostanzjali fit-teħid ta' miżuri xierqa u effettivi sabiex jiġu ssodisfati l-istandards tal-kwalità tal-arja.

B'mod ġenerali, in-network ta' monitoraġġ instab li fil-biċċa l-kbira tiegħu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi eżistenti dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, u li jiżgura li tkun

disponibbli *data* affidabbli u rappreżentattiva dwar il-kwalità tal-arja. Madankollu, ġie nnotat tħassib li l-kriterji dwar il-monitoraġġ joffru wisq flessibbiltà u jippreżentaw xi ambigwità għall-awtoritajiet rilevanti.

B'segwitu tar-rakkomandazzjonijiet mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, il-Kontroll tal-Idoneità pprovda kjarifiki ulterjuri f'diversi oqsma, inkluż dwar id-differenzi bejn l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO, ix-xejriet tal-kwalità tal-arja u l-monitoraġġ, l-effettività tal-leġiżlazzjoni fl-issodisfar tal-istandards tal-kwalità tal-arja, il-feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati u l-perċezzjoni tal-pubbliku rigward il-kwalità tal-arja.

## 2.2. Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kellha l-għan li tiġbor informazzjoni ta' appoġġ, *data*, għarfien u fehmiet minn firxa komprensiva ta' partijiet ikkonċernati, li tipprovdi kontribut għall-opzjonijiet ta' politika differenti għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, u li tgħin sabiex tiġi vvalutata l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tagħhom.

Il-**konsultazzjoni pubblika miftuħa** damet 12-il ġimgħa, bħala kwestjonarju online bi 13-il mistoqsija introduttorja u 31 mistoqsija speċifika, ospitata fuq l-għodda tal-Istħarriġ tal-UE. Il-kwestjonarju kien jinkludi kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti fil-valutazzjoni tal-impatt u ġabar fehmiet inizjali dwar il-livell ta' ambizzjoni u l-impatti potenzjali ta' ċerti għażliet għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent. Ġew riċevuti total ta' 934 tweġiba, u ġew sottomessi 116-il dokument ta' pożizzjoni. Il-mistoqsijiet miftuħa rċevew bejn 11 u 406 tweġiba individwali – medja ta' 124. It-tweġibiet ġew minn 23 Stat Membru differenti.

L-**istħarriġ immirat** ġie ppubblikat fuq l-Istħarriġ tal-UE f'żewġ partijiet (il-parti 1 dwar il-qasam ta' politika 1 "standards tal-kwalità tal-arja" fit-13 ta' Diċembru 2021, u l-parti 2 dwar l-oqsma ta' politika 2 u 3 "governanza; il-monitoraġġ, l-immudellar u l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja" fit-13 ta' Jannar 2022), u t-tnejn li huma kellhom skadenza fil-11 ta' Frar 2022 għall-kontributi. L-istħarriġ immirat fittex fehmiet fil-fond mingħand organizzazzjonijiet li kellhom interess fir-regoli tal-UE dwar il-kwalità tal-arja jew li kienu qegħdin jaħdmu b'dawn. Għaldaqstant, l-istħarriġ intbagħat lill-partijiet ikkonċernati fil-mira, inklużi l-awtoritajiet rilevanti f'livelli differenti ta' governanza, l-organizzazzjonijiet tas-settur privat, is-settur akkademiku u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-Parti 1 tal-istħarriġ immirat tal-partijiet ikkonċernati rċeviet total ta' 139 tweġiba minn 24 Stat Membru. Il-Parti 2 tal-istħarriġ irċeviet 93 tweġiba minn 22 Stat Membru.

L-**ewwel laqgħa mal-partijiet ikkonċernati** saret fit-23 ta' Settembru 2021 u attendew għaliha 315-il parteċipant estern, jew fuq il-post jew online, minn 27 Stat Membru. L-għan tal-ewwel laqgħa mal-partijiet ikkonċernati kien li jinġabru fehmiet dwar in-nuqqasijiet identifikati fid-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, kif ukoll dwar il-livell ta' ambizzjoni għal-leġiżlazzjoni riveduta.

It-**tieni laqgħa mal-partijiet ikkonċernati** li saret fl-4 ta' April 2022 attendew għaliha 257 parteċipant estern, jew fuq il-post jew online, minn 23 Stat Membru. L-għan tal-laqgħa kien li jinġabar feedback mingħand il-partijiet ikkonċernati għat-tlestija tal-valutazzjoni tal-impatt.

Saru **intervisti mmirati** sabiex jikkomplementaw l-attivitajiet l-oħrajn ta' konsultazzjoni, b'mod partikolari mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u nazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-NGOs, u l-akkademja u r-riċerka. L-għan ewlieni tal-intervisti kien li jimtlew il-lakuni li fadal fl-informazzjoni identifikati mill-evalwazzjoni tal-istħarriġ immirat tal-partijiet ikkonċernati. Konsegwentement, l-intervisti għamlu enfasi fuq il-qasam ta' politika 2, b'mod

partikolari fuq il-fattibbiltà, il-mezzi ta' implimentazzjoni u l-impatti tad-diversi opzjonijiet ikkunsidrati.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt qieset: 30 **kontribut *ad hoc*** (dokumenti ta' pożizzjoni, studji xjentifiċi u dokumenti oħrajn) riċevuti minn 25 parti ikkonċernata differenti; diskussjonijiet fit-tielet **Forum tal-UE dwar l-Arja Nadifa** fit-18 u d-19 ta' Novembru 2021; feedback dwar il-**valutazzjoni tal-impatt tal-bidu** minn 63 parti ikkonċernata minn 12-il Stat Membru; u **l-opinjoni tal-Pjattaforma Fit for Future** dwar il-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent.

Barra minn hekk, ir-rapport dwar l-eżitu finali tal-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** wera li ċ-ċittadini jitolbu li tittieħed azzjoni sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja.

## 2.3. L-użu ta' għarfien espert

L-oqsma ta' għarfien espert li ġejjin intużaw fl-iżvilupp ta' din il-proposta: (1) l-analiżi tar-rabtiet bejn it-tniġġis tal-arja u s-saħħa tal-bniedem, (2) l-istima tal-impatti fuq is-saħħa, inkluża l-kwantifikazzjoni monetarja, (4) l-istima tal-impatti fuq l-ekosistema, (5) l-immudellar makroekonomiku, u (6) il-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja u l-għarfien espert fil-ġestjoni.

Dan l-għarfien espert inġabar prinċipalment permezz ta' kuntratti ta' servizzi u ftehimiet ta' għotja, fost l-oħrajn, mad-WHO, mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u ma' konsulenti differenti. Ir-rapporti kollha mill-esperti u mill-kuntratti ġew imtellgħin regolarment fuq l-internet għad-distribuzzjoni pubblika.

## 2.4. Valutazzjoni tal-impatt u opinjoni tal-Bord tal-iskrutinju Regolatorju

Il-valutazzjoni tal-impatt analizzat 19-il opzjoni ta' politika (li jinkludu 69 miżura ta' politika) sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fid-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent fir-rigward tal-ambjent u s-saħħa, il-governanza u l-infurzar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni, kif ukoll l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Kull waħda minn dawn l-opzjonijiet ta' politika ġiet ivvalutata fir-rigward tal-konsegwenzi ambjentali, soċjali u ekonomiċi tagħha, il-konsistenza tagħha ma' prijoritajiet ta' politika oħrajn u l-proporzjon mistenni bejn il-benefiċċji u l-kostijiet.

Il-pakkett ta' politika preferut huwa stabbilit hawn taħt.

1. Dwar l-istandards tal-kwalità tal-arja:
    a. l-istabbiliment ta' standards ċari tal-UE dwar il-kwalità tal-arja, definiti bħala valuri ta' limitu għall-2030, ibbażati fuq għażla politika bejn l-opzjonijiet ta' politika "allinjament sħiħ" (I-1), "allinjament aktar mill-qrib" ( I-2) u "allinjament parzjali" (I-3), b'numru limitat ta' eċċezzjonijiet temporanji meta dawn ikunu ġġustifikati b'mod ċar;
    b. l-indikazzjoni ta' perspettiva ta' wara l-2030 għal allinjament sħiħ mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja tal-2021, filwaqt li nimxu fit-triq it-tajba lejn l-allinjament anke mal-Linji Gwida futuri tad-WHO sabiex tinkiseb il-viżjoni ta' tniġġis żero sas-sena 2050;
    c. mekkaniżmu ta' rieżami regolari sabiex jiġi żgurat li l-aħħar fehim xjentifiku dwar il-kwalità tal-arja jiggwida d-deċiżjonijiet futuri.

2. Dwar il-governanza u l-infurzar

   a. l-aġġornament tar-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja;

   b. l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu għas-sustanzi li jniġġsu l-arja li bħalissa huma soġġetti għal valuri fil-mira, sabiex ikun jista' jsir tnaqqis aktar effettiv tal-konċentrazzjonijiet ta' dawn is-sustanzi niġġiesa;

   c. kjarifika ulterjuri ta' kif għandhom jiġu solvuti l-eċċessi tal-istandards tal-kwalità tal-arja, kif għandhom jiġu evitati minn qabel, u meta għandhom jiġu aġġornati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja;

   d. id-definizzjoni ulterjuri tat-tip ta' miżuri li l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jieħdu sabiex iżommu l-perjodi ta' eċċess kemm jista' jkun qosra, u l-espansjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-penali f'każ ta' ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja;

   e. it-tisħiħ tal-obbligi għall-Istati Membri sabiex jikkooperaw meta t-tniġġis transkonfinali jikkawża ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja;

   f. it-titjib tal-eżegwibilità tad-Direttivi permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar l-aċċess għall-ġustizzja u l-kumpens u dispożizzjoni mtejba dwar il-penali.

3. Dwar il-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja

   a. Aktar titjib, simplifikazzjoni u espansjoni sa ċertu punt tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja, inkluż

      i. il-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti;

      ii. il-limitazzjoni tar-rilokazzjonijiet tal-punti ta' kampjunar tal-kwalità tal-arja għal dawk fejn ġew irrispettati l-valuri ta' limitu għal mill-anqas tliet snin;

      iii. kjarifika u simplifikazzjoni ulterjuri tal-kriterji tal-għażla tal-post għall-punti ta' kampjunar;

      vi. aġġornament tal-inċertezzi massimi tal-kejl permessi f'konformità mal-istandards aktar stretti tal-kwalità tal-arja proposti.

   b. isir użu aħjar mill-immudellar tal-kwalità tal-arja

      i. sabiex jiġi identifikat ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja, jiġu informati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u t-tqegħid ta' punti ta' kampjunar;

      ii. it-titjib tal-kwalità u l-komparabbiltà tal-immudellar tal-kwalità tal-arja.

4. Dwar l-informazzjoni pubblika dwar il-kwalità tal-arja

   a. Ir-rapportar ta' kull siegħa tal-kejl aġġornat kollu tal-kwalità tal-arja għas-sustanzi niġġiesa ewlenin disponibbli, u li l-informazzjoni ssir aċċessibbli għaċ-ċittadini b'indiċi tal-kwalità tal-arja;

   b. L-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar l-effetti possibbli fuq is-saħħa u r-rakkomandazzjoni tal-imġiba meta jinkisru l-istandards tal-kwalità tal-arja.

**B'mod ġenerali,** il-benefiċċji ewlenin huma mistennija li jiġu fil-forma ta' tnaqqis fil-mortalità u fil-morbidità, tnaqqis fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa, tnaqqis fit-telf tar-rendiment tal-għelejjel relatat mal-ożonu, tnaqqis fl-assenza mix-xogħol minħabba mard u żieda fil-produttività fuq il-post tax-xogħol.

L-opzjonijiet ta' politika rigward livelli differenti ta' allinjament mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-kwalità tal-arja għandhom implikazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa. Dawn it-tliet opzjonijiet kollha, jiġifieri "allinjament sħiħ" (I-1), "allinjament aktar

mill-qrib" (I-2) u "allinjament parzjali" (I-3), irendu benefiċċji sinifikanti għas-saħħa u għall-ambjent – għalkemm fi gradi differenti. Madankollu, għat-tliet opzjonijiet ta' politika kollha, il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-**benefiċċji għas-soċjetà jegħlbu bil-kbir il-kostijiet**.

Il-kostijiet u l-benefiċċji annwali ġew ikkalkolati għall-2030 bħala stima ċentrali, peress li din hija s-sena li fiha jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati għall-ewwel darba l-maġġoranza tal-istandards il-ġodda tal-kwalità tal-arja. Fis-snin ta' qabel diġà jkun hemm **kostijiet ta' mitigazzjoni** sabiex jiġi żgurat li l-istandards il-ġodda jiġu ssodisfati fl-2030, iżda wara l-2030 x'aktarx li jonqsu hekk kif diġà jkunu saru investimenti ta' darba meħtieġa sabiex jintlaħqu l-miri.

L-opzjoni ta' politika I-3 ("allinjament parzjali" mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja tal-2021 sal-2030) għandha l-ogħla proporzjon bejn il-benefiċċji u l-kostijiet (bejn 10:1 u 28:1). Il-biċċa l-kbira tal-punti ta' kampjunar tal-kwalità tal-arja fl-UE jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw l-istandards korrispondenti tal-kwalità tal-arja bi sforz addizzjonali żgħir. Skont l-istima ċentrali, il-benefiċċji netti jammontaw għal aktar minn EUR 29 biljun, meta mqabbla mal-kostijiet korrispondenti tal-miżura ta' mitigazzjoni ta' EUR 3,3 biljun fl-2030.

Għall-opzjoni ta' politika I-2 ("allinjament aktar mill-qrib" mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja tal-2021 sal-2030) il-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-kostijiet huwa mistenni li jkun kemxejn aktar baxx (bejn 7.5:1 u 21:1). Madwar 6 % tal-punti ta' kampjunar ma jkunux mistennija li jissodisfaw l-istandards korrispondenti tal-kwalità tal-arja mingħajr sforz addizzjonali fil-livell lokali (jew jista' jkollhom bżonn ta' estensjonijiet taż-żmien jew eċċezzjonijiet). Skont l-istima ċentrali, il-benefiċċji netti jammontaw għal aktar minn EUR 36 biljun, jiġifieri 25 % aktar mill-opzjoni ta' politika I-3. Il-miżuri ta' mitigazzjoni totali korrispondenti u l-kostijiet amministrattivi relatati huma stimi ta' EUR 5,7 biljun fl-2030.

Skont l-opzjoni ta' politika I-1 ("allinjament sħiħ" mal-Linji Gwida tad-WHO il-Kwalità tal-Arja tal-2021 sal-2030), il-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-kostijiet jibqa' wkoll pożittiv b'mod sinifikanti (bejn 6:1 u 18:1). Madankollu, 71 % tal-punti ta' kampjunar ma jkunux mistennija li jissodisfaw l-istandards korrispondenti tal-kwalità tal-arja mingħajr sforz addizzjonali fil-livell lokali (u f'ħafna minn dawn il-każijiet ma jkunu jistgħu jissodisfaw dawn l-istandards bl-ebda mod bi tnaqqis tekniku fattibbli biss). Skont l-istima ċentrali, il-benefiċċji netti jammontaw għal aktar minn EUR 38 biljun, jiġifieri 5 % aktar mill-opzjoni ta' politika I-2. Il-kostijiet ta' mitigazzjoni korrispondenti huma stmati għal EUR 7 biljun fl-2030.

Il-**kostijiet amministrattivi** huma f'firxa stmata ta' EUR 75 miljun sa EUR 106 miljun fis-sena fl-2030. Dan jinkludi l-kost tat-tfassil ta' pjanijiet għall-kwalità tal-arja, ta' valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja u ta' punti addizzjonali ta' kampjunar. B'mod partikolari, il-kost tat-tfassil ta' pjanijiet għall-kwalità tal-arja huwa mistenni li jonqos maż-żmien, peress li dawn isolvu l-eċċessi fil-kwalità tal-arja u b'hekk ma jibqgħux meħtieġa. Bl-istess mod, ir-rekwiżiti tar-reġim tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja jsiru anqas stretti hekk kif tittejjeb il-kwalità tal-arja, bi tnaqqis mistenni fil-kostijiet relatati mal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja – madankollu, l-istimi ta' hawn fuq, inkluż l-investiment ta' darba, ġew annwalizzati fil-kalkoli. Ta' min jinnota li dawn il-kostijiet kollha jitħallsu mill-**awtoritajiet pubbliċi**.

Huwa importanti li wieħed jinnota li d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent **ma jimponu l-ebda kost amministrattiv dirett fuq il-konsumaturi u n-negozji**. Il-kostijiet potenzjali għalihom jirriżultaw prinċipalment minn miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex jissodisfaw l-istandards tal-kwalità tal-arja stabbiliti fid-Direttivi. Dawn huma parti mill-kostijiet ġenerali ta' mitigazzjoni/aġġustament imsemmija hawn fuq.

L-amalgamazzjoni proposta tad-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent, 2008/50/KE u 2004/107/KE, f'Direttiva waħda hija mistennija li tnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri, billi tissimplifika r-regoli, ittejjeb il-konsistenza u ċ-ċarezza, u tagħmel l-implimentazzjoni aktar effiċjenti.

Il-valutazzjoni tal-impatt ivverifikat ukoll il-**konsistenza mal-politika dwar it-tibdil fil-klima**, b'mod partikolari l-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Minħabba l-ħafna sorsi komuni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi niġġiesa, ir-reviżjoni proposta tal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE se tappoġġa l-miri klimatiċi, peress li l-miżuri sabiex tinkiseb arja nadifa se jwasslu wkoll għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

L-impatti vvalutati tal-proposta fuq il-kwalità tal-arja huma koerenti wkoll mal-**pjan ta' azzjoni għal tniġġis żero**, b'mod partikolari l-mira tiegħu għall-2030 li l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa (imwiet prematuri) jitnaqqsu b'aktar minn 55 %, u, il-viżjoni tal-2050 tal-Pjan ta' Azzjoni sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa. Hemm ukoll sinerġiji importanti ma' politiki li jindirizzaw l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors u li huma wkoll parti mill-Pjan ta' Azzjoni. Dan jikkonċerna, pereżempju, il-proposta reċenti għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-proposta li ġejja għall-istandards tal-emissjonijiet Euro 7 għall-vetturi tat-triq, li se jappoġġaw l-issodisfar ta' standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti.

B'segwitu tal-opinjoni tal-**Bord tal-Iskrutinju Regolatorju**, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet imsaħħa b'analiżi u bi kjarifiki addizzjonali dwar (1) l-interazzjoni tal-proposta ma' inizjattivi oħrajn bħall-impatt tar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, (2) il-parametri differenti analizzati għal opzjonijiet ta' politika differenti, inkluża l-fattibbiltà rispettiva tagħhom, u (3) ir-raġunijiet għall-problemi identifikati bl-implimentazzjoni tad-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent.

B'mod parallel mal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa għal din il-proposta, twettqet analiżi usa' tal-kuntest ta' arja nadifa u tal-prospetti futuri tagħha u se tiġi ppubblikata bħala rapport regolari rigward il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa u bħala parti mir-rapport ta' Monitoraġġ u Prospettiva ta' Tniġġis Żero ppjanat għall-aħħar tal-2022. It-Tielet Perspettiva dwar l-Arja Nadifa se tikkomplementa l-analiżi li twettqet għall-valutazzjoni tal-impatt għar-reviżjoni tad-Direttivi, u titfa' dawl fuq elementi addizzjonali bħal: l-impatt reġjonali tal-miżuri proposti fil-pakkett REPowerEU dwar l-arja nadifa; il-prospett pożittiv li jintlaħqu l-miri ta' tniġġis żero għall-2030 fl-ambitu tal-pakkett ta' politika preferut għar-reviżjoni tad-Direttivi; u l-effett li jiġu inklużi miżuri mhux teknoloġiċi (eż. dwar id-dieta) fuq projezzjonijiet tal-arja nadifa għall-2030. Dawn l-impatti huma addizzjonali għall-impatti pożittivi fit-tul akbar possibbli.

## 2.5. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni (REFIT)

Fid-dawl tal-aġenda tagħha għal regolamentazzjoni aħjar (u l-programm REFIT), il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tamalgama d-Direttiva 2008/50/KE u d-Direttiva 2004/107/KE f'Direttiva waħda li tirregola s-sustanzi rilevanti kollha li jniġġsu l-arja.

Meta ġiet adottata d-Direttiva 2008/50/KE, din issostitwiet numru ta' atti leġiżlattivi: id-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, id-Direttiva tal-Kunsill 99/30/KE dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali, id-Direttiva 2000/69/KE dwar valuri ta' limitu għall-benżin u monossidu karboniku fl-arja ambjentali, id-Direttiva 2002/3/KE dwar l-ożonu fl-arja ambjentali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill

97/101/KE li tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni u *data* reċiproka min-networks u stazzjonijiet individwali li jkejlu t-tniġġis tal-arja ambjentali fl-Istati Membri. Dawn ġew amalgamati f'Direttiva waħda fl-interess taċ-ċarezza, tas-simplifikazzjoni u tal-effiċjenza amministrattiva. Dak iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stipulaw ukoll li għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-amalgamazzjoni tad-Direttiva 2004/107/KE mad-Direttiva 2008/50/KE, ladarba tkun inkisbet esperjenza suffiċjenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/107/KE.

Wara aktar minn għaxar snin ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/50/KE u d-Direttiva 2004/107/KE b'mod parallel, ir-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tipprovdi opportunità sabiex jiġu inkorporati l-aħħar għarfien xjentifiku u l-esperjenza bl-implimentazzjoni billi jiġu amalgamati f'Direttiva waħda. Dan se jikkonsolida l-leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja, filwaqt li jissimplifika r-regoli li japplikaw għall-awtoritajiet rilevanti, itejjeb il-konsistenza u ċ-ċarezza ġenerali, u b'hekk jagħmel l-implimentazzjoni aktar effiċjenti.

Il-proposta tarmonizza u tissimplifika wkoll numru ta' dispożizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja ta' sustanzi differenti li jniġġsu l-arja, it-tipi ta' standards tal-kwalità tal-arja għal dawn is-sustanzi niġġiesa, u r-rekwiżiti li jirriżultaw minnhom, bħall-iżvilupp ta' pjanijiet għall-kwalità tal-arja.

Is-suġġerimenti tal-opinjoni tat-12 ta' Novembru 2021 dwar "Leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent" tal-Pjattaforma Fit for Future tqiesu matul il-valutazzjoni tal-impatt, inklużi pereżempju rakkomandazzjonijiet relatati mal-istandards tal-kwalità tal-arja, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-amalgamazzjoni tad-direttivi eżistenti f'waħda, il-koerenza mal-politiki relatati.

## 2.6. Drittijiet fundamentali

Id-direttiva proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Din il-proposta għandha l-għan li tevita, tipprevjeni u tnaqqas l-effetti dannużi tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, f'konformità mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE. Għalhekk, din tfittex li tintegra fil-politiki tal-UE livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u titjib fil-kwalità tal-ambjent f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Din tpoġġi wkoll f'termini konkreti l-obbligu li jiġi protett id-dritt għall-ħajja u għall-integrità tal-persuna stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 tal-Karta.

Barra minn hekk, din tikkontribwixxi għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, permezz ta' dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-aċċess għall-ġustizzja, il-kumpens u l-penali.

# 3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja relatata mal-implikazzjonijiet baġitarji u mar-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa għal din il-proposta hija integrata fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għall-pakkett ta' tniġġis żero li huwa ppreżentat bħala parti mill-proposta għar-reviżjoni tal-listi ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art.

Il-proposta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni, għaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) f'termini ta' riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa.

Il-volum ta' xogħol tal-implimentazzjoni u tal-infurzar tal-Kummissjoni se jiżdied bi ftit bħala riżultat tal-elenkar ta' standards ġodda u ta' aktar sustanzi li għandhom jiġu mmonitorjati, u l-ħtieġa li jiġu rieżaminati u aġġornati d-deċiżjonijiet ta' gwida u ta' implimentazzjoni eżistenti, kif ukoll l-abbozzi ta' dokumenti ta' gwida ġodda.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkun teħtieġ aktar appoġġ mill-JRC sabiex issaħħaħ il-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja u l-implimentazzjoni tal-immudellar. B'mod speċifiku, dan se jinvolvi l-abbozzar ta' gwida, il-presidenza ta' żewġ networks ta' esperti ewlenin, u t-tfassil ta' standards relatati mal-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Dan l-appoġġ xjentifiku jinkiseb permezz tat-tnedija ta' arranġamenti amministrattivi.

L-EEA se jkollha żieda fl-ammont ta' xogħol bħala riżultat ta': il-ħtieġa li tiġi estiża l-infrastruttura u li jiġi appoġġat ir-rapportar kontinwu, li jiġi estiż sabiex jinkludi s-sustanzi li jniġġsu l-arja ta' tħassib emerġenti kif ukoll l-obbligi medji għat-tnaqqis tal-esponiment li jkopru s-sustanzi niġġiesa l-$PM_{2.5}$ u l-$NO_2$; il-ħtieġa li tiġi estiża l-infrastruttura tar-rapportar għal informazzjoni aġġornata minn punti ta' kampjunar addizzjonali, *data* tal-immudellar u pjanijiet tal-kwalità tal-arja; il-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ għal valutazzjonijiet sodi tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja rrapportata; u l-ħtieġa li jissaħħu r-rabtiet bejn l-analiżi u l-appoġġ għall-politiki dwar it-tniġġis tal-arja, it-tibdil fil-klima, is-saħħa tal-bniedem u tal-ekosistema. Dan se jirrikjedi persunal addizzjonali wieħed ekwivalenti għal full-time u żewġ riallokazzjonijiet, minbarra t-tim attwali tal-kollegi tal-EEA li diġà qegħdin jappoġġaw il-politika tal-UE dwar l-arja nadifa.

## 4. ELEMENTI OĦRA

Il-qafas attwali stabbilit skont id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent diġà joffri monitoraġġ rappreżentattiv ta' kwalità għolja tal-kwalità tal-arja, kif muri fil-Kontroll tal-Idoneità għad-Direttivi. Madwar l-UE, l-Istati Membri stabbilew network ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja b'madwar 16 000 punt ta' kampjunar għal sustanzi niġġiesa speċifiċi (li ħafna minnhom jinġabru flimkien f'aktar minn 4 000 stazzjon ta' monitoraġġ), b'kampjunar ibbażat fuq kriterji komuni definiti mid-Direttivi. B'mod ġenerali, in-network ta' monitoraġġ jikkonforma fil-biċċa l-kbira mad-Direttivi u jiżgura li tkun disponibbli *data* affidabbli u rappreżentattiva dwar il-kwalità tal-arja. Il-qafas ta' monitoraġġ se jittejjeb aktar b'din il-proposta, kif spjegat f'aktar dettall hawn taħt.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar ir-rapportar stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/850 iggwidaw l-iżvilupp ta' sistema ta' rapportar elettroniku diġitali effettiva u effiċjenti, ospitata mill-EEA. Barra minn hekk, din il-proposta tinkludi l-monitoraġġ ta' sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti. Dan se jagħmilha possibbli li jiġu osservati diversi sustanzi li jniġġsu l-arja li għalihom għadu ma jeżisti l-ebda monitoraġġ armonizzat tal-kwalità tal-arja madwar l-UE.

It-titjib fir-reġimi ta' monitoraġġ, ta' mmudellar u ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-arja huwa wkoll parti minn din il-proposta. Dan se jipprovdi informazzjoni komparabbli u oġġettiva addizzjonali li tagħmilha possibbli li jiġi mmonitorjat u evalwat regolarment l-iżvilupp tal-kwalità tal-arja fl-UE. Flimkien ma' rekwiżiti aktar preċiżi għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, kif previst f'din il-proposta, dan se jippermetti li l-effettività ta' miżuri speċifiċi (spiss lokali) dwar il-kwalità tal-arja tinżamm taħt rieżami kostanti. Rekwiżiti speċifiċi aktar ċari dwar l-informazzjoni pubblika se jippermettu lill-pubbliku jaċċessa b'mod aktar faċli u malajr l-eżiti tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-*data* dwar il-kwalità tal-arja u l-azzjoni politika relatata.

Dan kollu se jinforma b'mod utli l-evalwazzjonijiet futuri ta' Direttiva riveduta dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent.

## 5. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA:

L-emendi li saru permezz tal-proposta għall**-amalgamazzjoni tad-Direttivi attwali dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent** (2008/50/KE u 2004/107/KE) għandhom l-għan li jikkonsolidaw u jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni.

L-ispjegazzjonijiet li ġejjin jiffokaw fuq il-bidliet meta mqabbla mad-Direttivi attwali. In-numerazzjoni tal-Artikoli ċċitati tikkorrispondi għall-proposta.

L-**Artikolu 1** jintroduċi l-objettiv ta' tniġġis żero sal-2050 għall-kwalità tal-arja sabiex jiġi żgurat li, sal-2050, il-kwalità tal-arja tittejjeb b'tali mod li t-tniġġis ma jibqax jitqies bħala ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

L-**Artikolu 3** jipprevedi rieżami regolari tal-evidenza xjentifika sabiex jiġi vverifikat jekk l-istandards tal-kwalità tal-arja fis-seħħ għadhomx biżżejjed sabiex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u jekk għandhomx jiġu regolati sustanzi addizzjonali li jniġġsu l-arja. Ir-rieżami se jinforma l-iżvilupp ta' pjanijiet għall-allinjament mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja sal-2050 abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari sabiex jitqies l-aħħar fehim xjentifiku.

L-**Artikolu 4** jinkludi aġġornamenti u jżid definizzjonijiet ġodda ta' elementi li jinbidlu jew jiżdiedu mad-Direttiva.

L-**Artikolu 5** jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw l-akkuratezza tal-applikazzjonijiet mudell, bil-għan li jippermettu użu akbar tal-immudellar għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja, u użu aħjar tal-immudellar.

L-**Artikolu 7** jissimplifika r-regoli għal-limiti ta' valutazzjoni. Il-limiti jinformaw liema tekniki ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-arja għandhom japplikaw f'livelli differenti ta' tniġġis. Il-proposta tissostitwixxi l-limitu attwali inferjuri u superjuri b'limitu ta' valutazzjoni uniku għal kull sustanza niġġiesa.

L-**Artikolu 8** jiżgura li l-kwalità tal-arja fl-ambjent trid tiġi mmonitorjata permezz ta' punti fissi ta' kampjunar kull fejn il-livelli tat-tniġġis tal-arja jaqbżu r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Meta jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu ta' din id-Direttiva, il-kwalità tal-arja trid tiġi vvalutata wkoll b'applikazzjonijiet għall-immudellar. L-immudellar se jgħin ukoll sabiex jiġu identifikati postijiet addizzjonali possibbli fejn jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu. Dan għandu l-għan li jagħmel użu mill-avvanzi fl-applikazzjonijiet għall-immudellar sabiex jiggwida miżuri effettivi, immirati u kostefficjenti dwar il-kwalità tal-arja bil-ħsieb li jintemm il-ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja mill-aktar fis possibbli.

L-**Artikolu 9** jaġġorna u jiċċara r-regoli għan-numru u l-post tal-punti ta' kampjunar, inklużi regoli aktar stretti għar-rilokazzjoni tal-punti ta' kampjunar. Ir-regoli riveduti jiġbru flimkien u jissimplifikaw ir-rekwiżiti tal-punti ta' kampjunar għal sustanzi li jniġġsu l-arja u standards tal-kwalità tal-arja differenti, li bħalissa huma mifruxa fid-Direttivi kollha.

L-**Artikolu 10** jintroduċi l-monitoraġġ ta' supersiti u jirregola n-numru u l-post tagħhom. Dawn is-supersiti ta' monitoraġġ jikkombinaw diversi punti ta' kampjunar sabiex jiġbru *data* fit-tul dwar is-sustanzi li jniġġsu l-arja koperti minn din id-Direttiva, kif ukoll dwar is-

sustanzi li jniġġsu l-arja ta' tħassib emerġenti u metriċi rilevanti oħrajn. Il-kombinazzjoni ta' diversi punti ta' kampjunar f'supersit minflok it-tqegħid tagħhom separatament tista' f'xi każijiet tiffranka l-kostijiet. L-introduzzjoni ta' punti addizzjonali ta' kampjunar għal sustanzi li jniġġsu l-arja mhux regolati ta' tħassib emerġenti, bħal partikoli ultrafini (UFP), karbonju iswed (BC), ammonijaka ($NH_3$) jew il-potenzjal ossidattiv ta' materja partikolata, se tappoġġa l-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent. Fejn applikabbli, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu supersiti komuni ta' monitoraġġ, li jistgħu jnaqqsu l-kostijiet.

L-**Artikolu 11** jiċċara l-objettivi tal-kwalità tad-*data* għall-kejl tal-kwalità tal-arja u jintroduċi objettivi tal-kwalità għall-immudellar. Jiżdied rekwiżit ġdid li jirrikjedi li d-*data* kollha tiġi rrapportata u li tintuża għal skopijiet ta' valutazzjoni tal-konformità, anke jekk ma tissodisfax l-objettivi tal-kwalità tad-*data*.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-ożonu huma integrati ma' dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' sustanzi niġġiesa oħrajn sabiex jiġu armonizzati u ssimplifikati d-dispożizzjonijiet.

L-**Artikolu 12** jiġbor flimkien ir-rekwiżiti eżistenti dwar iż-żamma tal-livelli ta' sustanzi li jniġġsu l-arja taħt il-valuri ta' limitu u jintroduċi rekwiżiti ġodda għal konċentrazzjonijiet medji ta' esponiment.

L-**Artikolu 13** jallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO tal-2021, filwaqt li jqis il-fattibbiltà u l-kosteffettività analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta. Barra minn hekk, il-valuri ta' limitu huma introdotti għas-sustanzi kollha li jniġġsu l-arja li bħalissa huma soġġetti għall-valuri fil-mira, ħlief għall-ożonu ($O_3$). L-esperjenza bid-Direttivi attwali turi li dan se jżid l-effettività fit-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja. L-ożonu huwa eżentat minn din il-bidla minħabba l-karatteristiċi kumplessi tal-formazzjoni tiegħu fl-atmosfera li jikkumplikaw il-kompitu tal-valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-konformità ma' valuri ta' limitu stretti. Il-valuri ta' limitu u fil-mira riveduti se jidħlu fis-seħħ fl-2030, u b'hekk il-ħtieġa ta' titjib rapidu se tiġi bbilanċjata bil-ħtieġa li jiġi żgurat żmien suffiċjenti ta' tħejjija u għal koordinazzjoni ma' politiki relatati ewlenin li se jagħtu r-riżultati fl-2030, bħall-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" tal-politiki dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Sabiex l-UE titqiegħed fuq trajettorja li se tippermettilha twettaq il-viżjoni ta' tniġġis żero għall-arja fl-2050, ġiet introdotta dispożizzjoni ġdida li tirrikjedi tnaqqis fl-esponiment medju tal-pubbliku għal materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u d-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) fil-livell reġjonali (unitajiet territorjali NUTS 1), lejn il-livelli rakkomandati mid-WHO. Dan iżid mal-obbligu li jintlaħqu l-valuri ta' limitu u fil-mira, applikabbli fiż-żoni tal-kwalità tal-arja. Sabiex jinformaw il-politika dwar l-arja nadifa fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni malajr jekk jintroduċu standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti mill-istandards tal-UE.

L-**Artikolu 14** huwa imqassar, peress li r-rekwiżiti tal-punti tal-kampjunar huma l-istess bħal dawk skont l-Artikolu 7.

Il-kontenut ta' diversi Artikoli (li qabel kienu l-Artikoli 15 sa 18 tad-Direttiva 2008/50/KE) dwar l-istandards tal-kwalità tal-arja u r-rekwiżiti relatati għall-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u l-ożonu ($O_3$) huwa integrat ma' standards għal sustanzi niġġiesa oħrajn fl-Artikoli 12, 13 u 23, u r-rekwiżiti dwar il-punti ta' kampjunar huma integrati fl-Artikolu 7.

L-**Artikolu 15** jintroduċi limiti ta' twissija għal miżuri fuq terminu qasir dwar l-ogħla tniġġis minn materja partikolata ($PM_{10}$ u $PM_{2.5}$), minbarra l-limiti ta' twissija eżistenti għad-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) u d-diossidu tal-kubrit ($SO_2$), minħabba l-impatti sinifikanti tat-tniġġis minn materja partikolata fuq is-saħħa.

L-**Artikolu 16** jestendi r-regoli dwar it-tnaqqis tal-kontributi tas-sorsi naturali għall-eċċessi tal-istandards tal-kwalità tal-arja sabiex ikopri l-eċċessi tal-obbligi medji għat-tnaqqis tal-esponiment. It-tniġġis tal-arja minn sorsi naturali bħat-trab tas-Saħara ma jistax jiġi influwenzat mill-ġestjoni tal-kwalità tal-arja. Din hija r-raġuni għaliex l-Artikoli 19 u 20 jiżguraw li l-eċċessi fil-kwalità tal-arja li jirriżultaw minn dawn is-sorsi ma jgħoddux bħala nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja inklużi l-obbligi medji għat-tnaqqis tal-esponiment, u ma jirrikjedux pjanijiet għall-kwalità tal-arja.

L-**Artikolu 17** dwar it-tnaqqis tat-tixrid ta' ramel fix-xitwa u tat-tmelliħ fix-xitwa huwa estiż sabiex jinkludi materja partikolata fina ($PM_{2.5}$). It-tixrid tar-ramel fix-xitwa u t-tmelliħ fix-xitwa huma importanti għas-sikurezza fit-toroq, anke jekk ir-risospensjoni tal-partikoli minn dawn il-miżuri tista' tikkontribwixxi wkoll għat-tniġġis tal-arja b'materja partikolata ta' daqsijiet differenti. L-eċċessi fil-kwalità tal-arja li jirriżultaw minn dawn is-sorsi biss mhux se jirriżultaw f'rekwiżit li jiġu stabbiliti pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja skont l-Artikolu 19.

L-**Artikolu 18** dwar il-posponiment tal-iskadenzi sabiex jintlaħqu l-valuri ta' limitu għall-materja partikolata ($PM_{10}$ u $PM_{2.5}$) u għad-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) jistabbilixxi prerekwiżiti addizzjonali għall-posponiment, sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-miżuri dwar il-kwalità tal-arja meħuda sabiex jiġu rrispettati l-valuri ta' limitu. Pereżempju, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jridu jiddeskrivu kif se jinkiseb finanzjament addizzjonali sabiex tinkiseb konformità aktar malajr, u kif il-pubbliku se jiġi informat dwar il-konsegwenzi tal-posponiment għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Barra minn hekk, se jkun possibbli biss li tiġi posposta l-kisba ta' valur ta' limitu jekk l-obbligu medju għat-tnaqqis tal-esponiment għas-sustanza rilevanti li jniġġsu l-arja jkun ġie osservat għal mill-anqas tliet snin qabel ma jibda l-posponiment. Dan sabiex jiġi żgurat li l-posponiment jingħata biss għal każijiet ta' eċċessi lokalizzati tal-valuri ta' limitu minħabba kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit, u mhux se jintuża sabiex idewwem il-miżuri lokali, reġjonali jew nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja, kemm jekk f'miżuri lokali, reġjonali jew nazzjonali.

L-**Artikolu 19** iżid l-effettività tal-pjanijiet għall-kwalità tal-arja sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tal-kwalità tal-arja mill-aktar fis possibbli. Dan se jinkiseb billi (a) il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jkunu meħtieġa jitfasslu qabel ma jidħlu fis-seħħ l-istandards tal-kwalità tal-arja f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità qabel l-2030, (b) jiġi speċifikat li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jridu ikollhom l-għan li jżommu l-perjodu ta' eċċessi tal-limiti kemm jista' jkun qasir, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn tliet snin għall-valuri ta' limitu, u (c) l-għoti ta' awtorizzazzjoni sabiex isiru aġġornamenti regolari tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jekk ma jilħqux il-konformità.

Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jsiru obbligatorji meta jinqabżu l-valuri ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi medji għat-tnaqqis tal-esponiment. Il-pjanijiet se jkunu obbligatorji wkoll meta jkun antiċipat li dawn l-istandards se jinqabżu. Dan se jgħin sabiex jiġi żgurat li l-perjodi ta' eċċessi jinżammu kemm jista' jkun qosra. Se jrawwem ukoll sinerġiji bejn il-ġestjoni ta' sustanzi differenti li jniġġsu l-arja, u bejn miżuri sabiex jintlaħqu standards differenti. Pereżempju, miżuri sabiex jinkiseb l-obbligu medju għat-tnaqqis tal-esponiment għal materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) se jappoġġaw ukoll l-ilħuq tal-valur ta' limitu tal-$PM_{2.5}$.

Emenda finali se tirrikjedi li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja janalizzaw ir-riskju li jinqabżu l-limiti ta' twissija. Dan se jwassal għal integrazzjoni akbar tal-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir – meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-qbiż tal-limitu ta' twissija – bi pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien itwal, filwaqt li jiġu ffrankati r-riżorsi u jittejbu l-miżuri meħuda.

L-**Artikolu 20** jirrikjedi li l-Istati Membri juru għaliex pjan ta' azzjoni għal żmien qasir ma jkunx effettiv jekk jiddeċiedu li ma jadottawx wieħed minkejja riskju li jinqabeż il-limitu tat-twissija dwar l-ożonu. L-Artikolu jagħmel ukoll il-konsultazzjoni pubblika dwar il-pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir obbligatorja sabiex jiġi żgurat li titqies l-informazzjoni rilevanti kollha għat-tfassil tagħhom.

L-**Artikolu 21** jiċċara u jsaħħaħ aktar l-arranġamenti għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġi indirizzat il-ksur tal-istandards tal-kwalità tal-arja minħabba t-tniġġis transkonfinali tal-arja, b'mod partikolari billi jirrikjedi skambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni.

L-**Artikolu 22** itejjeb is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-tniġġis tal-arja billi jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu indiċi tal-kwalità tal-arja li jipprovdi aġġornamenti tal-kwalità tal-arja kull siegħa għall-aktar sustanzi dannużi li jniġġsu l-arja.

L-**Artikolu 23** jistipula li l-Kummissjoni se tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar ir-rapportar ta' informazzjoni dwar id-*data* u l-ġestjoni tal-kwalità tal-arja. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni se jinġiebu f'konformità mad-Direttiva riveduta.

L-**Artikolu 27** jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja għal dawk li jridu jisfidaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, bħal meta ma jkunx ġie stabbilit pjan għall-kwalità tal-arja minkejja l-eċċessi tal-istandards rilevanti tal-kwalità tal-arja.

L-**Artikolu 28** għandu l-għan li jistabbilixxi dritt effettiv għan-nies li jiġu kkumpensati meta tkun seħħet ħsara lis-saħħa tagħhom b'mod sħiħ jew parzjali bħala riżultat ta' ksur tar-regoli preskritti fuq il-valuri ta' limitu, il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, il-pjanijiet ta' azzjoni għal perjodu qasir jew fir-rigward tat-tniġġis transkonfinali. Il-persuni affettwati għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dik il-ħsara. Dan jinkludi l-possibbiltà għal azzjonijiet kollettivi.

L-**Artikolu 29** huwa emendat sabiex jiċċara f'aktar dettall kif l-Istati Membri jeħtieġ li jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għal dawk li jiksru l-miżuri adottati fl-Istat Membru sabiex jimplimentaw din id-Direttiva, inklużi penali finanzjarji dissważivi, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali.

L-**Anness I**, flimkien mal-Artikoli 13 u 15, jiġbor flimkien l-istandards tal-kwalità tal-arja għal sustanzi niġġiesa differenti, filwaqt li jistabbilixxi: (a) valuri ta' limitu ġodda għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem; (b) valuri fil-mira aġġornati tal-ożonu u objettivi fit-tul; (c) limiti ta' twissija ġodda għall-materja partikolata ($PM_{10}$ u $PM_{2.5}$); u (d) obbligi medji għat-tnaqqis tal-esponiment għall-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u għad-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) lejn obbligu medju ta' konċentrazzjoni tal-esponiment fil-livell tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO.

L-**Anness II** jistabbilixxi l-limiti ta' valutazzjoni għall-monitoraġġ u l-immudellar tal-kwalità tal-arja.

L-**Anness III**, flimkien mal-Artikolu 9, jissimplifika l-kriterji għad-determinazzjoni tan-numru minimu ta' punti ta' kampjunar għall-kejl fiss, u jiġbor flimkien dawn il-kriterji għas-sustanzi kollha li jniġġsu l-arja soġġetti għal standards differenti tal-kwalità tal-arja (valuri ta' limitu, valur fil-mira għall-ożonu, obbligi medji għat-tnaqqis tal-esponiment, limiti ta' twissija u livelli kritiċi).

L-**Anness IV** jiġbor flimkien il-kriterji għall-post tal-punti ta' kampjunar għas-sustanzi kollha li jniġġsu l-arja soġġetti għal standards differenti tal-kwalità tal-arja.

L-**Anness V** jaġġorna u jsaħħaħ ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data* u tal-inċertezza għall-kejl fiss u indikattiv tal-kwalità tal-arja, għall-immudellar, u għall-istima oġġettiva sabiex tiġi żgurata valutazzjoni preċiża fid-dawl ta' standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti proposti u avvanzi tekniċi mill-adozzjoni tad-Direttivi eżistenti.

L-**Anness VI** jaġġorna r-regoli għall-metodi li jridu jintużaw sabiex jiġu vvalutati l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa differenti fl-arja ambjentali, kif ukoll sabiex tiġi vvalutata r-rata li biha ċerti sustanzi niġġiesa jidħlu fl-ekosistemi.

L-**Anness VII** jintroduċi l-monitoraġġ ta' partikoli ultrafini (UFP) f'postijiet fejn x'aktarx ikun hemm konċentrazzjonijiet għoljin ta' UFP, bħal fl-ajruporti, fil-portijiet, fit-toroq, fis-siti industrijali jew fit-tisħin domestiku jew qrib tagħhom. Flimkien mal-informazzjoni mill-monitoraġġ tal-konċentrazzjonijiet tal-isfond tal-UFP fis-supersiti ta' monitoraġġ meħtieġa mill-Artikolu 10, dan se jgħin sabiex jinftiehem il-kontribut ta' sorsi differenti għall-konċentrazzjonijiet tal-UFP. L-Anness VII jaġġorna wkoll il-lista ta' komposti organiċi volatili (VOC) irrakkomandata għal kejl li għandha l-għan li ttejjeb il-fehim tal-formazzjoni u l-ġestjoni tal-ożonu.

L-**Anness VIII**, flimkien mal-Artikolu 19, jiġbor flimkien ir-rekwiżiti għall-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jindirizzaw l-eċċessi tal-valuri ta' limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu u l-obbligi medji għat-tnaqqis tal-esponiment. Is-simplifikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti se trawwem sinerġiji bejn il-ġestjoni ta' sustanzi differenti li jniġġsu l-arja u l-kisba ta' standards differenti tal-kwalità tal-arja. L-Anness VIII jirrikjedi wkoll li l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jkun fihom analiżi aktar preċiża tal-effetti mistennija tal-miżuri dwar il-kwalità tal-arja. Dan se jgħin sabiex il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jsiru aktar effettivi.

L-**Anness IX** itejjeb l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku, inklużi aġġornamenti obbligatorji fis-siegħa għall-kejl fiss ta' sustanzi ewlenin li jniġġsu l-arja, kif ukoll riżultati aġġornati tal-immudellar meta dawn ikunu disponibbli.

↓ 2008/50 (adattat)

2022/0347 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa**

**(riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 192 ⌫ ~~175~~ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva Nru 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u d-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] ġew emendati b'mod sostanzjali. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li dawk id-Direttivi jiġu riformulati fl-interess taċ-ċarezza.

(2) F'Diċembru 2019, fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[5], il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet pjan direzzjonali ambizzjuż biex l-Unjoni tinbidel f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, bl-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. B'mod speċifiku dwar l-arja nadifa, il-Patt Ekoloġiku Ewropew impenja ruħu

[1] ĠU C […], […], p. […].

[2] ĠU C […], […], p. […].

[3] Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 023, 26.1.2005, p. 3).

[4] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM (2019) 640 final.

li jkompli jtejjeb il-kwalità tal-arja u li jallinja l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Hija ħabbret ukoll it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, l-immudellar u l-ippjanar tal-kwalità tal-arja.

(3) F'Mejju 2021, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tistabbilixxi "Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero"[6] li fost l-oħrajn jindirizza l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u timpenja ruħha wkoll li sal-2030, tnaqqas l-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa b'aktar minn 55 % u l-ekosistemi tal-UE fejn it-tniġġis tal-arja jhedded il-bijodiversità b'25 %.

(4) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jistabbilixxi wkoll viżjoni għas-sena 2050, fejn it-tniġġis tal-arja jitnaqqas għal livelli li ma jibqgħux jitqiesu ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi segwit approċċ fi stadji lejn l-istabbiliment ta' standards attwali u futuri tal-kwalità tal-arja tal-UE, l-istabbiliment ta' standards intermedji tal-kwalità tal-arja għas-sena 2030 u lil hinn, u l-iżvilupp ta' perspettiva għall-allinjament mal-Linji Gwida tad-WHO dwar il-Kwalità tal-Arja sa mhux aktar tard mis-sena 2050 abbażi ta' mekkaniżmu ta' rieżami regolari biex jitqies l-aħħar fehim xjentifiku. Minħabba r-rabtiet bejn it-tnaqqis tat-tniġġis u d-dekarbonizzazzjoni, l-objettiv fit-tul li tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero jenħtieġ li jiġi segwit id f'id mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7].

(5) Fit-teħid tal-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jintlaħaq l-objettiv ta' tniġġis żero għat-tniġġis tal-arja, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-"prinċipju ta' prekawzjoni" u mill-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas", stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mill-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Huma jenħtieġ li, fost l-oħrajn, iqisu: il-kontribut ta' kwalità tal-arja mtejba għas-saħħa pubblika, il-kwalità tal-ambjent, il-benesseri taċ-ċittadini, il-prosperità tas-soċjetà, l-impjiegi u l-kompetittività tal-ekonomija; it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel; l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà u trasport sostenibbli u intelliġenti; l-impatt tal-bidliet fl-imġiba; l-ekwità u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi ħdanhom, fid-dawl tal-kapaċità ekonomika tagħhom, iċ-ċirkustanzi nazzjonali tagħhom, bħal pereżempju l-ispeċifiċitajiet tal-gżejjer, u l-ħtieġa li jkun hemm il-konverġenza maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ekwa permezz ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ xierqa; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-aktar reċenti, b'mod partikolari s-sejbiet irrappurtati mid-WHO; il-ħtieġa li r-riskji relatati mat-tniġġis tal-arja jiġu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-investiment u l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja; u l-progress li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

(6) It-"Tmien Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030" adottat bid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-6 ta' April

---

[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

[7] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1-17).

2022[8] jistabbilixxi l-objettiv li jinkiseb ambjent mhux tossiku li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi minn riskji relatati mal-ambjent u impatti negattivi, u, għal dak l-għan, jistipula li huma meħtieġa aktar titjib tal-metodi ta' monitoraġġ, informazzjoni aħjar għall-pubbliku u aċċess għall-ġustizzja. Dan jiggwida l-objettivi stabbiliti f'din id-Direttiva.

(7) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina regolarment l-evidenza xjentifika relatata mas-sustanzi niġġiesa, l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u l-iżvilupp teknoloġiku. Abbażi tar-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk l-istandards tal-kwalità tal-arja applikabbli għadhomx xierqa biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva. L-ewwel rieżami jenħtieġ li jitwettaq sal-31/12/2028 biex jiġi vvalutat jekk l-istandards tal-kwalità tal-arja jeħtiġux li jiġu aġġornati abbażi tal-aħħar informazzjoni xjentifika.

---

↓ 2008/50 premessa 5 (adattat)

(8) Jenħtieġ li ~~Għandu~~ jiġi segwit approċċ komuni għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali ~~skont~~ ⌦ bl-applikazzjoni ta' ⌫kriterji ta' valutazzjoni komuni. Fil-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali, jenħtieġ li ~~għandu~~ jittieħed kont tad-daqs tal-popolazzjonijiet u tal-ekosistemi esposti għat-tniġġis tal-arja. Huwa għalhekk xieraq li t-territorju ta' kull Stat Membru jiġi kklassifikat f'żoni ~~jew f'agglomerazzjonijiet~~ li jirriflettu d-densità tal-popolazzjoni.

---

↓ 2008/50 premessa 14 (adattat)
⇨ ġdid

(9) Il-kejl fiss jenħtieġ li ~~għandu~~ jkun obbligatorju f'żoni ~~u agglomerazzjonijiet~~ fejn jinqabżu ~~l-objettivi fit-tul għall-ożonu jew~~ il-limiti ta' valutazzjoni ~~għal sustanzi li jniġġsu oħrajn~~. ~~L-informazzjoni minn dak il-kejl fiss tista' tiġi supplimentata b'metodi tekniċi ta' mudellar u/jew b'kejl indikattiv sabiex tippermetti~~ ⌦ Applikazzjonijiet ta' mmudellar u kejl indikattiv, flimkien ma' informazzjoni minn kejl fiss, jippermettu ⌫ li d-*data* minn punt tkun tista' tiġi interpretata f'termini ta' distribuzzjoni ġeografika ta' konċentrazzjonijiet. L-użu ta' ⌦ tali ⌫ metodi tekniċi supplimentari ta' valutazzjoni jenħtieġ li ~~għandu~~ jippermetti wkoll għat-tnaqqis tal-għadd minimu meħtieġ ta' punti fissi ta' kampjunar. ⇨ f'żoni fejn il-limiti ta' valutazzjoni ma jinqabżux. F'żoni fejn il-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira jinqabżu, kemm il-kejl fiss kif ukoll l-użu ta' applikazzjonijiet ta' mmudellar jenħtieġ li jkunu obbligatorji. Monitoraġġ addizzjonali tal-konċentrazzjonijiet fl-isfond u d-depożizzjoni ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jenħtieġ li jitwettaq ukoll biex jippermetti fehim aħjar tal-livelli ta' tniġġis u d-dispersjoni⇦.

---

↓ 2008/50 premessa 6 (adattat)
⇨ ġdid

~~(10) Fejn ikun possibbli għandu~~ ⇨ Jenħtieġ li jiġu applikati applikazzjonijiet ta' mmudellar ⇦ ~~jiġi applikat immudellar tad-diffużjoni tat-tniġġis~~ sabiex *data* minn

[8] Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22–36).

punt speċifiku tkun tista' tiġi interpretata f'termini ta' distribuzzjoni ġeografika ta' konċentrazzjoni ⇨ , sabiex ikun hemm għajnuna fis-sejbien tal-ksur ta' standards tal-kwalità tal-arja u biex jiġu infurmati l-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u t-tqegħid tal-punti ta' kampjunar ⇦. ~~Dan jista' jservi bħala bażi biex titkejjel l-esponiment kollettiv tal-popolazzjoni li tgħix fl-inħawi.~~

~~(11)~~ ⇨ Minbarra r-rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja definiti f'din id-Direttiva, għall-finijiet ta' monitoraġġ, l-Istati Membri huma mħeġġa jisfruttaw il-prodotti ta' informazzjoni u l-għodod supplimentari (eż. rapporti regolari ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità, applikazzjonijiet online ta' politika), ipprovduti mill-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinja tal-Programm Spazjali tal-UE, b'mod partikolari s-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Atmosfera ta' Copernicus (CAMS). ⇦

---

⇩ ġdid

(12) Huwa importanti li s-sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti, bħall-partikoli ultrafini, il-karbonju iswed u l-karbonju elementali, kif ukoll l-ammonijaka u l-potenzjal ossidattiv tal-materja partikolata, jiġu mmonitorjati sabiex jiġi appoġġat il-fehim xjentifiku tal-effetti tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent, kif irrakkomandat mid-WHO.

---

🡻 2008/50 premessa 8 (adattat)
⇨ ġdid

(13) Jenħtieġ li ~~Għandu~~ jsir kejl dettaljat ta' materja partikolata fina f'postijiet bi sfond rurali sabiex jiġu mifhuma aħjar l-impatti ta' din is-sustanza niġġiesa u sabiex jiġu żviluppati politiki adegwati. Tali kejl jenħtieġ li ~~għandu~~ jsir b'mod konsistenti ma' dak tal-programm kooperattiv għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tat-trażmissjoni fuq distanza twila ta' sustanzi niġġiesa tal-arja fl-Ewropa (EMEP) stabbilit taħt il-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Distanza Twila ⌦ tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) ⌫approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981[9] ⇨ u l-Protokolli tagħha, inkluż il-Protokoll għat-tnaqqis tal-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu troposferiku tal-1999, li ġie rivedut fl-2012 ⇦ .

---

🡻 2008/50 premessa 7 (adattat)

(14) Sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni miġbura dwar it-tniġġis tal-arja hija rappreżentattiva u paragunabbli biżżejjed ⌦ fl-Unjoni ⌫ ~~fil-Komunità~~ kollha, huwa importanti li jintużaw metodi tekniċi ta' kejl standardizzati u kriterji komuni għall-għadd u l-post ta' stazzjonijiet li jkejlu għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali. Jistgħu jintużaw metodi tekniċi li mhumiex kejl sabiex tiġi valutata l-kwalità tal-arja ambjentali u għalhekk huwa meħtieġ li jkunu definiti l-kriterji għall-użu u l-preċiżjoni meħtieġa ta' tali metodi tekniċi.

---

[9] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar it-tniġġiż transkonfini tal-arja f'distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11).

🡻 2004/107 premessa 12
⇨ ġdid

(15) ~~Tekniċi standardizzati ta' kejl preċiż u kriterji komuni għall-ippostjar ta' stazzjonijiet ta' kejl huma elementi importanti fl-istima tal-kwalità tal-arja ambjentali sabiex l-informazzjoni miksuba tkun komparabbli fil-Komunità kollha.~~ Il-provvediment ta' metodi ta' kejl ta' referenza hu rikonoxxut bħala kwistjoni importanti. Il-Kummissjoni diġà ordnat sabiex isir xogħol għat-tħejjija tal-istandards tas-CEN għall-kejl ta' ⇨ idrokarburi aromatiċi poliċikliċi u għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' sensuri għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tas-niġġiesa gassużi u l-materja partikolata fl-arja ambjentali ⇦ ~~dawk il-kostitwenti fl-arja ambjentali fejn il-valuri ta' mira huma definiti (l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-benżo(a)piren) kif ukoll għad-depożizzjoni ta' metalli tqal~~ bil-għan li jiġu żviluppati u adottati malajr. Fejn m' hemmx metodi standard tas-CEN, l-użu ta' metodi ta' kejl ta' referenza standard internazzjonali jew nazzjonali jenħtieġ li ~~għandhom~~ jkun permess.

🡻 2008/50 premessa 2 (adattat)
⇨ ġdid

(16) Sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent kollu, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa jiġu miġġielda f'ras il-għajn u li jiġu identifikati u implimentati l-miżuri l-aktar effettivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u ⌦ tal-Unjoni ⌫ ~~Komunitarju~~ ⇨ , b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet mill-agrikoltura, l-industrija, it-trasport u l-ġenerazzjoni tal-enerġija ⇦ . Għalhekk, jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiġu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja u li jagħmlu l-ħsara u għandhom jiġu stabbiliti ⇨ standards ⇦ ~~objettivi~~ adegwati għall-kwalità tal-arja ambjentali b'kont meħud tal-istandards, il-linji gwida u l-programmi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

🡻 2004/107 premessa 3 (adattat)
⇨ ġdid

~~(17)~~ Evidenza xjentifika turi li ⇨ id-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, ⇦ l-arseniku, il-kadmju, in-nikil, ~~u~~ ċerti idrokarburi aromatiċi poliċikliċi ⇨ u l-ożonu ⇦ huma ⇨ responsabbli għal impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem ⇦ ~~karċinoġeni ġenotossiċi għall-bniedem u li ma hemm l-ebda limitu identifikabbli li taħtu dawn is-sustanzi ma joħolqux riskju għas-saħħa tal-bniedem~~. L-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent iseħħ permezz ta' konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali ~~u permezz ta' depożizzjoni~~. ~~Għal finijiet ta' effettività F'paragun man-nefqa, mhuwiex possibli li F'żoni speċifiċi jiġi żgurat li l-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali ta' arseniku, kadmju, nikil u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi ma joħolqux riskju sinifikattiv għas-saħħa tal-bniedem.~~

🡻 2004/107 premessa 11 (adattat)
⇨ ġdid

~~(18)~~ L-effetti ta⇨ ċ-ċomb, ta ⇦l-arseniku, tal-kadmju, tal-merkurju, tan-nikil u tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fuq is-saħħa tal-bniedem, inkluż permezz tal-katina tal-ikel, u l-ambjent ~~in ġenerali~~, iseħħu ⌧ wkoll ⌫ ~~permezz tal-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali u~~ permezz ta' depożizzjoni; jenħtieġ li ~~irid~~jittieħed kont tal-akkumulazzjoni ta' dawn is-sustanzi fil-ħamrija u l-protezzjoni tal-ilma sotterran. ~~Sabiex ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva fl-2010 tkun iffaċilitata, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-promozzjoni ta' riċerka dwar l-effetti tal-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikel u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fuq il-ħajja tal-bniedem u l-ambjent, partikolarment permezz ta' depożizzjoni.~~

---

⇩ ġdid

~~(19)~~ L-esponiment medju tal-popolazzjoni għas-sustanzi niġġiesa bl-ogħla impatt dokumentat fuq is-saħħa tal-bniedem, il-materja partikolata fina ($PM_{2.5}$) u d-diossidu tan-nitroġenu ($NO_2$) jenħtieġ li jitnaqqas abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-WHO. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi introdott obbligu ta' tnaqqis tal-esponiment medju għal dawn is-sustanzi niġġiesa, flimkien mal-valuri ta' limitu.

---

🡻 2004/107 premessa 4
⇨ ġdid

~~(20)~~ ⇨ Il-Kontroll tal-Idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE)[10] wera li l-valuri ta' limitu huma aktar effettivi biex inaqqsu l-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa mill-valuri fil-mira. ⇦ Bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem, waqt li jittieħed kont partikolari ~~tal-kategoriji vulnerabbli~~ ⇨ tal-popolazzjonijiet sensittivi u tal-gruppi vulnerabbli ⇦ ~~tal-popolazzjoni~~, u l-ambjent ~~in ġenerali, tal-arseniku, il-kadmju u n-nikil u idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja~~, jenħtieġ li ~~għandhom~~ jiġu stabbiliti valuri ta' ⇨ limitu għall-konċentrazzjoni tad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata, iċ-ċomb, il-benżen, il-monossidu tal-karbonju, l-arseniku, il-kadmju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali⇦ ~~mira, li għandhom jintlaħqu kemm jista' jkun~~. Il-benżo(a)piren jenħtieġ li ~~għandu~~ jintuża bħala indikatur tar-riskju karċinoġenu tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali.

---

⇩ ġdid

(21) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jħejju għal standards riveduti tal-kwalità tal-arja stabbiliti minn din id-Direttiva u biex tiġi żgurata l-kontinwità legali, għal perjodu interim jenħtieġ li l-valuri limitu jkunu identiċi għal dawk stabbiliti skont id-Direttivi mħassra sakemm jibdew japplikaw il-valuri ta' limitu l-ġodda.

---

10 Kontroll tal-idoneità tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent tat-28 ta' Novembru 2019 (SWD (2019) 427 final).

🡻 2008/50 premessa 13 (adattat)
⇨ ġdid

(22) L-ożonu huwa sustanza niġġiesa b'effetti transkonfinali fformat fl-atmosfera mill-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa primarji indirizzati mid-Direttiva 2016/2284/UEDirettiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi[12]. Il-progress lejn il-miri tal-kwalità tal-arja u l-objettivi fit-tul għall-ożonu stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li għandu jiġi determinat mill-miri u ⇨ mill-impenji tat-tnaqqis ⇦ mil-limiti massimi tal-emissjonijiet previsti fid-Direttiva 2016/2284/UEDirettiva 2001/81/KE u, jekk ikun il-każ, bl-implimentazzjoni ⇨ ta' miżuri kosteffettivi u ⇦tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja kif previst f'din id-Direttiva.

🡻 2008/50 premessa 12
⇨ ġdid

(23) Il-valuri fil-mira u l-objettivi fit-tul ⇨ tal-ożonu ⇦ għall-iżgurar ta' protezzjoni effettiva kontra l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-veġetazzjoni u l-ekosistemi mill-esponiment għall-ożonu m'għandhomx jinbidlu ⇨ jenħtieġ li jiġu aġġornati fid-dawl tal-aktar rakkomandazzjonijiet riċenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ⇦ .

(24) Jenħtieġ li Għandhom jiġu stabbiliti livell limitu ta' allert ⇨ għad-diossidu tal-kubrit, id-diossidu tan-nitroġenu, il-materja partikolata ($PM_{10}$ u $PM_{2.5}$) u l-ożonu, ⇦ u livell limitu ta' informazzjoni għall-ożonu, għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ġenerali u s-sezzjonijiet ⇨ vulnerabbli u ⇦sensittivi, rispettivament, minn esponimenti għal żmien qasir għal konċentrazzjonijiet għoljin tal-ożonu. Dawk il-limiti jenħtieġ li għandhom jagħtu bidu għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku rigward ir-riskji tal-esponiment u l-implimentazzjoni, jekk ikun il-każ, ta' miżuri f'perjodu ta' żmien qasir sabiex jitnaqqsu l-livelli tal-ożonu ⇨ tat-tniġġis ⇦ meta l-livell limitu ta' allert jinqabeż.

🡻 2004/107 premessa 7 (adattat)

(25) F'konformità mal-Artikolu ⌦ 193 ⌫ 176 tat-Trattat, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi iktar stretti li jirrigwardaw l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi bil-kundizzjoni li huma kumpatibbli mat-Trattat u li jkunu notifikati lill-Kummissjoni.

🡻 2008/50 premessa 9
⇨ ġdid

(26) L-istatus tal-kwalità tal-arja jenħtieġ li għandu jinżamm fejn diġà jkun tajjeb, jew għandu jittejjeb. Fejn ma jintlaħqux ⇨ l-istandards ⇦ l-objettivi għall-kwalità tal-arja

[11] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

[12] ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/105/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 368).

ambjentali stabbiliti f'din id-Direttiva ⇨ jkunu fir-riskju li ma jintlaħqux, jew ma ntlaħqux ⇦ , l-Istati Membri jenħtieġ li ~~għandhom~~ jieħdu azzjoni ⇨ immedjata ⇦sabiex jikkonformaw mal-valuri ta' limitu ⇨ , l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ u l-livelli kritiċi, u fejn possibbli, sabiex jiksbu l-valuri fil-mira ⇨ għall-ożonu ⇦ u l-objettivi fit-tul.

---

↓ 2004/107 premessa 9

(27) Il-merkurju hu sustanza perikoluża ħafna għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Hu preżenti kullimkien fl-ambjent, fil-forma ta' metilmerkurju, u għandu l-kapaċità li jakkumula f'organiżmi, partikolarment li jikkonċentra ruħu f'organiżmi aktar 'il fuq fil-katina tal-ikel. Merkurju rilaxxat fl-atmosfera huwa kapaċi li jiġi trasportat fuq distanzi twal.

---

↓ 2004/107 premessa 10 (adattat)
⇨ ġdid

(28) ~~Fl-2005 l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tressaq strateġija koerenti li jkun fiha miżuri sabiex ikunu protetti~~ ⌦ Ir-Regolament 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] għandu l-għan li jipproteġi ⌫ s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mir-rilaxx tal-merkurju, ibbażat~~a~~ fuq approċċ ta' ċiklu tal-ħajja, u li jieħu kont tal-produzzjoni, l-użu, t-trattament tal-iskart u l-emissjonijiet. ~~F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-miżuri kollha xierqa bil-ħsieb li titnaqqas il-kwantità tal-merkurju fl-ekosistemi terrestri u akwatiċi, u b'hekk l-inġestjoni tal-merkurju mill-ikel, u sabiex jiġi evitat il-merkurju f'ċerti prodotti.~~ ⇨ Id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tal-merkurju f'din id-Direttiva jikkomplementaw u jinfurmaw dak ir-Regolament. ⇦

---

↓ 2008/50 premessa 10
⇨ ġdid

(29) Ir-riskju li joħloq it-tniġġis tal-arja għall-veġetazzjoni u l-ekosistemi naturali huwa l-aktar importanti f'postijiet lil hinn minn żoni urbani. Il-valutazzjoni ta' tali riskji u l-konformità mal-livelli kritiċi għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni jenħtieġ li ~~għandhom~~ għalhekk jiffokaw fuq postijiet lil hinn minn żoni mibnija. ⇨ Din il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis u tikkomplementa r-rekwiżiti skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 biex timmonitorja l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi terrestri u akkwatiċi, u biex tirrapporta dawn l-impatti. ⇦

---

↓ 2008/50 premessa 15 (adattat)
⇨ ġdid

(30) Il-kontributi minn sorsi naturali jistgħu jiġu vvalutati iżda ma jistgħux jiġu kkontrollati. Għalhekk, fejn il-kontributi naturali għal sustanzi niġġiesa tal-arja ambjentali jistgħu jiġu determinati b'ċertezza suffiċjenti, u fejn il-qabżiet fuq il-limiti jkunu kompletament jew parzjalment dovuti għal dawn il-kontributi naturali, dawn jistgħu, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja ⇨ u l-obbligi tat-

---

[13] Ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il-merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008, ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1-21).

tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ . Il-kontribuzzjonijiet għall-qabżiet fuq il-valuri ta' limitu ta' materja partikolata PM10 attribwibbli għat-tixrid tar-ramel ⌦ fix-xitwa ⌫ jew tal-melħ fit-toroq matul ix-xitwa jistgħu wkoll jitnaqqsu meta tkun qed tiġi vvalutata l-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja sakemm ikunu ttieħdu miżuri raġonevoli sabiex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet.

---

🡻 2008/50 premessa 16

(31) Għal żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-kundizzjonijiet huma partikolarment diffiċli, jenħtieġ li għandu jkun possibbli li tiġi posposta l-iskadenza għall-konformità mal-valuri ta' limitu tal-kwalità tal-arja f'każijiet fejn, minkejja t-twettiq ta' miżuri xierqa tat-tnaqqis tat-tniġġis, jeżistu problemi kbar ta' konformità f'żoni u agglomerazzjonijiet speċifiċi. Kwalunkwe posponiment għal żona jew agglomerazzjoni partikolari jenħtieġ li għandha tkun akkompanjata minn pjan komprensiv li għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni sabiex tkun żgurata l-konformità sal-iskadenza riveduta. Id-disponibilità ta' miżuri Komunitarji neċessarji li jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni magħżul fl-Istrateġija Tematika dwar tniġġis fl-arja biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-sors tagħhom se jkunu importanti biex isir tnaqqis effettiv fl-emissjonijiet sa l-iskadenza stipulata f'din id-Direttiva għall-konformità mal-valuri ta' limitu, u din għandha titqies meta ssir l-evalwazzjoni tat-talbiet biex jiġu posposti l-iskadenzi għall-konformità.

---

🡻 2008/50 premessa 18
⇨ ġdid

(32) Jenħtieġ li għandhom jiġu żviluppati u aġġornati pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja għal żoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja ambjentali jaqbżu l-valuri mmirati jew il-valuri ta' limitu rilevanti tal-kwalità tal-arja ⇨ , il-valuri fil-mira għall-ożonu jew l-obbligi tat-tnaqqis tal-esponiment medju⇦ , flimkien ma' kwalunkwe marġini ta' tolleranza temporanja, fejn applikabbli. Is-sustanzi niġġiesa fl-arja jiġu minn ħafna sorsi u attivitajiet differenti. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn politiki differenti, tali pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li għandhom jkunu konsistenti fejn fattibbli ,u jkunu integrati mal-pjanijiet u l-programmi ppreparati skont id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni[14][15], id-Direttiva (UE) 2016/2284id-Direttiva 2001/81/KE, u d-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-immaniġġar tal-ħsejjes ambjentali[16][17]. Ser jitqiesu bis-sħiħ ukoll l-għanijiet għall-kwalità tal-arja ambjentali stipulati f'din id-Direttiva, meta jingħataw permessi għall-attivitajiet industrijali skont id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis[18].

---

14 ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/105/KE.

15 Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

16 ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.

17 Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali, ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).

18 ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8.

⇩ ġdid

(33) Il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja jenħtieġ li jitħejjew ukoll qabel l-2030 fejn ikun hemm riskju li l-Istati Membri ma jilħqux il-valuri ta' limitu jew il-valur fil-mira għall-ożonu sa dik id-data sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' sustanzi niġġiesa jitnaqqsu kif xieraq.

---

🡻 2008/50 premessa 19
⇨ ġdid

(34) Jenħtieġ li ~~Għanduhom~~ jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fuq perjodu ta' żmien qasir fejn ikun hemm riskju li jinqabżu wieħed jew aktar mil-livelli limitu ta' allert sabiex jitnaqqas dak ir-riskju u sabiex ikun limitat it-tul ta' żmien tiegħu. Fejn ir-riskju japplika għal wieħed jew aktar mill-valuri ta' limitu jew il-valuri fil-mira, l-Istati Membri jistgħu, fejn ikun il-każ, ifasslu tali pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir. ~~Fir-rigward tal-ożonu, tali pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir għandhom jieħdu kont tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/279/KE tad-19 ta' Marzu 2004 li tikkonċerna gwida għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrelata mal-ożonu fl-ambjent tal-arja.~~

---

🡻 2008/50 premessa 20
⇨ ġdid

(35) L-Istati Membri jenħtieġ li ~~għandhom jikkonsultaw lil~~ ⇨ jikkooperaw ma' ⇦ xulxin jekk, wara tniġġis sinifikanti li joriġina fi Stat Membru ieħor, il-livell ta' sustanza niġġiesa jaqbeż, jew x'aktarx jaqbeż, ⇨ kwalunkwe valur limitu, il-valur fil-mira għall-ożonu, l-obbligu għat-tnaqqis tal-esponiment medju ⇦ ~~l-objettivi rilevanti tal-kwalità tal-arja flimkien mal-marġni ta' tolleranza fejn applikabbli~~ jew~~, skont il-każ,~~ il-livell limitu ta' allert. In-natura transkonfinali ta' sustanzi niġġiesa speċifiċi, bħall-ożonu u l-materja partikolata, tista' teżiġi koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ġirien fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir u fl-informazzjoni lill-pubbliku. Fejn ikun il-każ, l-Istati Membri jenħtieġ li ~~għandhom~~ jfittxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq l-involviment bikri tal-pajjiżi kandidati. ⇨ Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun infurmata fil-ħin u mistiedna biex tassisti fi kwalunkwe kooperazzjoni bħal din. ⇦

---

🡻 2008/50 premessa 21
⇨ ġdid

(36) Jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġbru, jiskambjaw u jiddisseminaw l-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja sabiex jifhmu aħjar l-impatti tat-tniġġis tal-arja u jiżviluppaw politiki adegwati. Jenħtieġ li ~~Għandha~~ wkoll tkun faċilment disponibbli għall-pubbliku informazzjoni aġġornata dwar il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa rregolati kollha fl-arja ambjentali ⇨ kif ukoll il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja u l-pjanijiet ta' azzjoni fit-terminu qasir taż-żmien ⇦ .

🡻 2008/50 premessa 22
⇨ ġdid

(37) ⇨ Informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet u d-depożizzjoni tas-sustanzi niġġiesa li huma regolati jenħtieġ tingħadda lill-Kummissjoni biex isservi ta' bażi għal rapporti regolari. ⇦ Sabiex ikunu ffaċilitati t-trattament u l-paragun tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja, id-*data* jenħtieġ li ~~għandha~~ ssir disponibbli għall-Kummissjoni f'forma standardizzata.

---

🡻 2008/50 premessa 23

(38) Huwa meħtieġ li jiġu adattati proċeduri għall-forniment tad-*data*, il-valutazzjoni u r-rappurtar tal-kwalità tal-arja sabiex jippermettu l-użu ta' mezzi elettroniċi u l-Internet bħala l-għodod ewlenin sabiex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli, u sabiex tali proċeduri jkunu kompatibbli mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill~~ tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika fil-Komunità (INSPIRE)~~[19].

---

🡻 2008/50 premessa 24

(39) Huwa xieraq li tkun prevista l-possibbiltà li l-kriterji u l-metodi tekniċi użati għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku u li tiġi adattata għalihom l-informazzjoni li għandha tingħata.

---

⇩ ġdid

